**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 10 TA' MEJJU, 2002**

**Numru: 9**

**Avviz Nru: 811/02AE**

**Executive Services Ltd**

**Vs**

**Pierre Faure' u Diner Dogs Limited.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u sitta u tletin lira Maltija u disghajn centezmu (Lm236.90), hlas dovut bhala prezz ta' reklamar u servizzi ohra relatati kif ipprovduti mis-socjeta attrici fuq istruzzjonijiet tas-socjeta konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-avukat Dr. Anthony Vella in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-hlas huwa dovut mis-socjeta konvenuta (ara l-avviz tat-talba a fol. 2).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-konfront tas-socjeta attrici, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u sitta u tletin lira Maltija u disghajn centezmu (Lm236.90), bl-imghax skond il-ligi.

Il-konvenut Pierre Faure' qieghed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li mill-avviz tat-talba jirrizulta li l-ftehim sar bejn il-kumpanniji kontendenti.

L-ispejjez kollha (mhux inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**